IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2019
COM(2019) 445 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni li ngħataw fl-2017 u l-2018 skont ir-Regolament dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra[1], impona ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ. Dawn ir-restrizzjonijiet ikkonċernaw, b'mod partikolari, projbizzjoni kważi assoluta fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea u lejha ta' oġġetti inklużi fl-Anness II, u rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal esportazzjonijiet ta' ċerti oġġetti oħra elenkati fl-Anness III jew l-Anness IIIa.

Ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (minn issa 'l quddiem ir-"Regolament (UE) 2019/125")[2] jikkodifika u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005[3].

L-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2019/125 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jagħmlu rapport pubbliku dwar l-attivitajiet annwali, li jipprovdi informazzjoni dwar in-numru ta' applikazzjonijiet riċevuti, dwar l-oġġetti u l-pajjiżi kkonċernati f'dawn l-applikazzjonijiet, u dwar id-deċiżjonijiet li jkunu ħadu dwar dawn l-applikazzjonijiet. L-Artikolu 26(4) jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali magħmul mir-rapporti annwali tal-attività ppubblikati mill-Istati Membri u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku.

Dan l-ewwel rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' awtorizzazzjoni tal-Istati Membri rigward l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għat-tortura jew għall-piena kapitali, fl-2017 u fl-2018[4].

It-28 Stat Membru rrapportaw dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni li ngħataw u ġew irrifjutati skont l-Artikoli 11(1) u 16(1) u dwar l-oġġetti u l-pajjiżi ta' destinazzjoni kkonċernati minnhom. Minbarra Stat Membru wieħed, huma rrapportaw ukoll iċ-ċifri jew il-kwantitajiet ta' oġġetti awtorizzati għall-esportazzjoni u l-kategorija ta' utent finali lil min jiġu fornuti dawk l-oġġetti.

---

1 ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.

2 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1.

3 Ara l-Anness X tar-Regolament (UE) 2019/125 għal lista tal-emendi.

4 Dan ir-rapport ma jipprovdix informazzjoni dwar l-użu mill-esportaturi tal-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni għall-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness IV (l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/125).

Awtorizzazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2019/125

L-Artikoli 11(1) u 16(1) tar-Regolament (UE) 2019/125 jeħtieġu awtorizzazzjoni għall-esportazzjonijiet[5] tal-oġġetti elenkati fl-Anness III u fl-Anness IV, rispettivament. L-Anness III jikkonċerna ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. L-Anness IV jelenka ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini tal-piena kapitali. Minbarra meta l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni stabbilita fl-Anness V tintuża għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti elenkati fl-Anness IV, l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru rilevanti, kif elenkat fl-Anness I.

L-esportazzjonijiet lejn destinazzjonijiet elenkati fl-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni normalment jistgħu jsiru skont l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni individwali jew globali mogħtija minn Stat Membru. Dawn id-destinazzjonijiet huma pajjiżi li abolixxew il-piena kapitali għar-reati kollha u li kkonfermaw dik l-abolizzjoni permezz ta' impenn internazzjonali. Madankollu, jekk ikun hemm suspett raġonevoli dwar l-abbiltà tal-esportatur li jikkonforma mat-termini tal-awtorizzazzjoni jew ma' dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi lill-esportatur milli juża l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni.

L-Artikolu 20(2) tar-Regolament 2019/125 jipprevedi li awtorizzazzjoni għal esportazzjonijiet mogħtija minn Stat Membru tista' tkun awtorizzazzjoni individwali (awtorizzazzjoni għal esportazzjonijiet lejn utent aħħari jew destinatarju f'pajjiż terz) jew awtorizzazzjoni globali (awtorizzazzjoni għal esportazzjonijiet lejn utent aħħari speċifikat wieħed jew aktar jew distributuri f'pajjiż terz speċifikat wieħed jew aktar)[6].

L-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament jipprojbixxu l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u t-tranżitu tal-oġġetti elenkati fl-Anness II. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu deroga mill-projbizzjoni, iżda biss jekk jintwera li l-oġġetti kkonċernati ser jintużaw għall-iskop esklużiv ta' wirja pubblika f'mużew (jew f'pajjiż terz, jew fir-rigward tal-Artikolu 4, fi Stat Membru) fid-dawl tas-sinifikat storiku tagħhom.

[5] L-Artikolu 2(d) tar-Regolament (UE) 2019/125 jiddefinixxi "esportazzjoni" bħala "kwalunkwe ħruġ ta' oġġetti mit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż il-ħruġ ta' oġġetti li jeħtieġu dikjarazzjoni doganali u l-ħruġ ta' oġġetti wara li jkunu ġew maħżuna f'żona ħielsa fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill".

[6] Id-definizzjonijiet sħaħ tat-termini "awtorizzazzjoni individwali" u "awtorizzazzjoni globali" huma stabbilit fl-Artikolu 2(p) u (q), rispettivament.

2. Awtorizzazzjonijiet mogħtija u miċħuda

2.1 Fl-2018, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet irrapportati ammontaw għal 231, bi 11-il Stat Membru jirrapportaw li kienu taw l-awtorizzazzjonijiet. Fl-2017, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet irrapportati kien ta' 292, mogħti minn 12-il Stat Membru. L-Istati Membri li fadal informaw lill-Kummissjoni li ma rċevew l-ebda applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2019/125.

Peress li d-definizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni individwali u ta' awtorizzazzjoni globali mogħtija fl-Artikolu 2 tar-Regolament ma jinkludux element kwantitattiv, l-indikazzjoni tal-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija ma tagħtix indikazzjoni tal-għadd jew il-kwantità ta' oġġetti kkonċernati minn dawn l-awtorizzazzjonijiet. Barra minn hekk, l-għadd ikkalkulat jew il-kwantità ta' esportazzjonijiet awtorizzati mill-UE kollha jagħti stampa mhux sħiħa għax Stat Membru wieħed ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar l-għadd jew il-kwantitajiet ta' oġġetti u l-kategoriji tal-utenti aħħarin ikkonċernati.

2.2 Xi Stati Membri rrapportaw li ma rċevew l-ebda applikazzjoni. Il-fatti li ġejjin jistgħu jispjegaw għaliex xi Stati Membri ma rċevew l-ebda applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet individwali jew globali għall-esportazzjoni.

L-ewwel nett, il-lista ta' oġġetti li jeħtieġu awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, li hija stabbilita fl-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) 2019/125, hija pjuttost limitata u r-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni tar-Regolament ma japplikax għal provvisti ta' oġġetti lil klijenti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

It-tieni, l-Artikolu 20(2) tar-Regolament jipprevedi li esportatur jeħtieġ li jikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur ikun residenti (persuna fiżika) jew stabbilit (persuna jew entità ġuridika).

Fl-aħħar nett, parti mill-esportazzjonijiet ta' ċerti aġenti anestetiċi elenkati fl-Anness IV issir skont l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni stabbilita fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/125. L-esportazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti lejn il-pajjiżi elenkati fl-Anness V normalment tista' ssir mingħajr awtorizzazzjoni individwali jew globali tal-esportazzjoni.

2.3 Ir-Regolament (UE) 2019/125 jimponi rekwiżit tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw jekk hemmx indikazzjonijiet li, jekk esportati, l-oġġetti jistgħu jintużaw għat-tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (l-Anness III) jew għall-piena kapitali (l-Anness IV). Għal dan il-għan, l-Artikolu 20(8) tar-Regolament jipprevedi li l-awtorità kompetenti għandha tirċievi "informazzjoni kompluta b'mod partikolari dwar l-utenti aħħari, il-pajjiż ta' destinazzjoni u l-użu aħħari tal-oġġetti".

Matul perjodu ta' sentejn, disa' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni ġew irrapportati bħala miċħuda: ħamsa fl-2018 u erbgħa fl-2017. Il-każijiet irrapportati ta' ċaħdiet fl-2018 kienu jikkonċernaw ċerti tranżazzjonijiet maħsuba ma' klijenti fil-Bangladesh, iċ-Ċina (Macao), l-Eġittu, il-Moldova u l-Vjetnam, filwaqt li fl-2017 iċ-ċaħdiet kienu jikkonċernaw ċerti tranżazzjonijiet maħsuba ma' klijenti fil-Kosta tal-Avorju, il-Każakistan, it-Togo u l-Moldova. L-awtorizzazzjonijiet mhux awtorizzati primarjament ikkonċernaw oġġetti elenkati fl-Anness III; dawk mal-Bangladesh u l-Eġittu, madankollu, kienu ser jinvolvu oġġetti elenkati fl-Anness IV.

Ċaħda bħal din, magħrufa wkoll b'mod informali bħala "caħda", tipikament tfisser li l-esportatur ma pprovdiex lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni suffiċjenti biex juri li, f'dan il-każ, l-oġġetti kkonċernati kienu se jintużaw għal skop leġittimu. Fi kliem ieħor, ċaħda ma timplikax neċessarjament li kien hemm evidenza li l-oġġetti kienu ser jintużaw għat-tortura jew għall-piena kapitali.

2.4 L-informazzjoni li l-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni tipikament ma tagħmilx distinzjoni bejn awtorizzazzjonijiet individwali u awtorizzazzjonijiet globali. Stat Membru wieħed semma li huwa kien ta tliet awtorizzazzjonijiet globali li jikkonċernaw oġġetti elenkati fl-Anness III; huma kienu jikkonċernaw l-esportazzjoni ta' oġġetti li ċerti awtoritajiet nazzjonali kienu ser jużaw biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom barra mill-pajjiż.

2.5 L-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2019/125 jipprojbixxu l-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tranżitu ta' oġġetti elenkati fl-Anness II, rispettivament. Ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu deroga mill-projbizzjoni, iżda biss jekk jintwera li l-oġġetti kkonċernati ser jintużaw għall-iskop esklużiv ta' wirja pubblika f'mużew (jew f'pajjiż terz, jew fir-rigward tal-Artikolu 4, fi Stat Membru) fid-dawl tas-sinifikat storiku tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti rrapportaw li huma ma tawx awtorizzazzjonijiet bħal dawn fl-2017 u fl-2018.

2.6 L-Anness 1 ta' dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fl-2017 u l-2018. L-esportazzjonijiet skont l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni (l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/125) mhumiex inklużi fl-informazzjoni dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri.

3. Utenti aħħarin

3.1 L-informazzjoni rċevuta mill-Kummissjoni tippermetti li ssir distinzjoni bejn l-użu aħħari għall-infurzar tal-liġi, l-użu aħħari minn ditti tas-sigurtà, l-użu aħħari mediku (sptarijiet u użu veterinarju) ta' oġġetti elenkati fl-Anness IV, l-użu industrijali (b'mod partikolari l-oleoresin capsicum elenkat fl-Anness III) u l-esportazzjonijiet għal ditti kummerċjali.

3.2 L-informazzjoni li ġiet ipprovduta tindika li d-ditti kummerċjali jirrappreżentaw parti importanti mill-esportazzjonijiet ta' armi jew tagħmir ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru, ta' armi jew tagħmir li jistgħu jinġarru li jamministraw doża ta' sustanza kimika inkapaċitanti jew irritanti, u ta' melħ tas-sodju tijopental. Mhuwiex ċar jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2019/125, li jipprovdi kif l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-esportazzjonijiet tal-aċidu pelargoniku vanillilamide (PAVA) u tal-oleoreżina tal-kapsiku (OC)[7] lil distibutur, ġiex applikat b'analoġija meta ġew ivvalutati dawk l-esportazzjonijiet.

3.3 Kif iddikjarat hawn fuq, Stat Membru wieħed ma pprovdiex informazzjoni dwar il-kategorija ta' utenti aħħarin ikkonċernati mill-awtorizzazzjonijiet tiegħu.

3.4 L-Annessi 2 u 3 ta' dan ir-rapport jiġbru fil-qosor l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-volum tal-kummerċ u l-użu aħħari ta' esportazzjonijiet awtorizzati fl-2017 u l-2018, rispettivament.

4. Oġġetti u pajjiżi ta' destinazzjoni kkonċernati mill-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni

4.1 L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti xi drabi tinkludi awtorizzazzjoni għal esportazzjonijiet lejn destinazzjonijiet elenkati fl-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni (l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/125) ta' oġġetti elenkati fl-Anness IV. Esportazzjonijiet bħal dawn normalment jistgħu jsiru skont l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni individwali jew globali mogħtija minn Stat Membru. Mhuwiex ċar jekk f'dawk il-każijiet it-termini tal-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni ġewx issodisfati jew jekk kienx hemm spjegazzjoni oħra. Pereżempju, huwa possibbli li l-esportatur ipprefera jikseb awtorizzazzjoni individwali jew globali.

4.2 Stat Membru wieħed ma speċifikax għal liema oġġetti elenkati fl-Anness IV jirrelataw l-awtorizzazzjonijiet irrapportati. Id-destinazzjonijiet tal-esportazzjonijiet li ġew awtorizzati minn dak l-Istat Membru huma inklużi fis-sommarju taħt l-intestatura "Oġġetti oħra jew mingħajr speċifikazzjoni tal-Anness IV".

4.3 Stat Membru ieħor irrapporta li oġġetti kienu ġew "esportati" lejn waħda miċ-Channel Islands. Din l-informazzjoni ma ġietx ikkunsidrata għall-finijiet ta' dan ir-rapport, peress li provvista bħal din ma tikkwalifikax bħala esportazzjoni definita fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (UE) 2019/125.

4.4 L-Annessi 4 u 5 ta' dan ir-rapport jipprovdu informazzjoni dwar id-destinazzjonijiet tal-esportazzjonijiet li l-Istati Membri awtorizzaw fl-2017 u fl-2018, rispettivament. Jekk isem partikolari jintuża fil-lista ta'

[7] Ara l-punti 3.2 u 3.3 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/125.

destinazzjonijiet, ma għandux jiġi interpretat bħala li jmur lil hinn mir-referenza għat-territorju (doganali) magħruf komunement b'dak l-isem.

———